MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF
LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Carmel Mallia

vs

Chairman Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1993, r-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrent beda jahdem mal-Bank of Valletta Limited fl-1972. Illi qabel l-1990 kienu hargu diversi promozzjonijiet ghall-gradi varji u li r-rikorrent ma kienx ibbenefika minn dawn il-promozzjonijiet bhal ma kienu ghamlu individwi ohra.

Illi fl-1993 kien hareg “call for applications” ghall-grad ta’ Manager 2. Illi r-rikorrent li dak iz-zmien kien Manager 1, applika ghal din il-promozzjoni u resaq ghall-interview. Ir-rikorrent ma kienx inghata din il-promozzjoni. Illi r-rikorrent huwa gradwat mill-Universita` ta’ Malta u ghandu esperjenza vasta fix-xoghol tal-Bank u anke servizz ta’ numru twil ta’ snin. Illi kien hemm persuni b’inqas esperjenza u kwalifiki minn tar-rikorrent u inghataw il-promozzjoni in kwistjoni;

Illi minhabba l-promozzjonijiet li r-rikorrent gie mtellef il-karriera tieghu bhala gradwat mal-Bank giet ostakolata u mizmuma lura. Individwi ohra li bdew ix-xoghol ma jew wara r-rikorrent inghataw numru ta’ promozzjonijiet u dan tul perjodu qasir ta’ zmien.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda kollha indikati f’dan ir-rikors.

Ghaldaqstant r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni ta’ Manager II b’lura mill-1993 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-intimat li biha eccepixxa:

1. It-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi mhux minnu illi r-rikorrent gie maqbuz kif minnu allegat.

2. Illi in oltre ghandu jissostanza l-allegazzjonijiet tieghu li permezz taghhom jindika illi gew promossi xi persuni li ma kienux jissodisfaw il-kriterji vigenti fl-ghoti tal-promozzjonijiet indikati.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn qal li dahal jahdem mal-Bank of Valletta fl-1972. Spjega li fl-1982 kien hemm ri-organizazzjoni tal-gradi u gie awtomatikament mahtur fil-grad ta’ Supervisor II. Qal li f’Jannar 1987 gie promoss ghal Assistant Manager u fl-1988 ghal Manager I. Ilmenta li dik kienet l-ahhar promozzjoni li ha filwaqt li diversi kollegi ohra tieghu li kienu dahlu l-Bank mieghu jinsabu xi tlett gradi ‘l fuq minnu. Ghaldaqstant hu lmenta minn promozzjonijiet minn Manager I ghall-grad ta’ Manager II fl-1993 u minn promozzjonijiet ohrajn fl-1994 ghal impjegati gradwati li ma kienux hadu promozzjoni. Qal ukoll li fir-rigward ta’ mertu u l-postijiet fejn kien stazzjonat fil-bank dejjem kien f’postijiet responsabbli u kien anki kapaci jmexxi fl-assenza tal-Manager. B’riferenza ghac-cirkolari 46/93 Garroni u Grima impjegati bhalu fl-1972 m’ghandhomx kwalifiki fi grad Universitarju u inghataw il-grad ta”Manager I mhux qabel l-1990. Borg, Cassar, u Esposito ma ghandhomx kwalifiki Universitarji u dahlu l-Bank warajh fl-1974. Semma wkoll il-promozzjoni 10/97 izda din tezorbita l-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis.***

Xehed Carmel Vella Segretarju tat-Taqsima Professional and Services Section mal-General Workers Union. Qal li jiftakar li r-rikorrent ilmenta mal-Union li gie maqbuz u wara ndagar min-naha tal-Union sabet li r-rikorrent kellu l-merti kollha li johorgu fil-ftehim kollettiv. Qal li r-rikorrent kellu mertu iktar minn dawk li hadu l-promozzjoni peress li kien f’postijiet ta’ responsabbilta jew sensittivi aktar minn dawk li hadu l-promozzjoni. Zied ighid li r-rikorrent kien

wiehed mill-aktar li kellu seniority. Semma li min-naha tal-Union kienu talbu biex il-bank jirrimedja s-sitwazzjoni u meta ma kienx accetta l-Union anki hadet azzjoni industrijali ta' protesta. Qal li l-ebda persuna li dahlet il-Bank mas-Sur Mallia fl-1972 m'ghadhom jokkupaw l-istess grad tieghu anzi kollha qeghdin fi gradi oghla.

Xehed Alfred Pace li esebixxa Dok AP1 a fol 43 tal-process ta' staff members mal-Bank fejn hemm kif gew ingaggati mal-Bank bhala kwalifiki. Esebixxa wkoll Dok X a fol 57 tal-process li fih il-kwalifik tar-rikorrent. Ikkonferma li Anthony Borg dahal mal-Bank fl-1974 u kellu biss kwalifiki ta' O Levels u llum qieghed fil-grad ta' Manager A. Ikkonferma wkoll li Alan Cassar dahal mal-bank fl-1974 u m'ghandux la University degree u lanqas tal-ACIB u llum ghandu l-grad ta' Senior Manager. Valletta jinsab fil-grad ta' Senior Manager dahal mal-Bank fl-1972 u fiz-zmien tal-promozzjoni tal-1993 ma kellu la ACIB u lanqas University Degree. Patrick Garroni u Philip Grima li jinsabu fil-grad ta' Manager A dahlu fil-Bank fl-1972 u ma kellhom la ACIB u lanqas University Degree. Ikkonferma wkoll li Charles Meli dahal il-bank fl-1973 fir-rigward ta' kwalifiki qieghed pari passu mar-rikorrent u llum jinsab fi grad ta' Assistant Manager. Ipprezenta wkoll dokumenti mitluba mir-rikorrent esebiti a fol 62 tal-process fejn hemm imnizzel meta hadu l-promozzjoni Anthony Borg, Alan Cassar, Charles Meli, Livvy Tabone Valletta, Patrick Garroni u Philip Grima. Esebixxa wkoll Dok AP1 a fol 76 tal-process li fih jidhru l-marki li ottjena r-rikorrent u Dok AP2 a fol 77 tal-process fejn hemm l-breakdown tal-marki ta' hames persuni ohra. Hu qal ukoll li r-rikorrent kien gie klassifikat fit-28 post u hadu l-promozzjoni 18.

Joseph V. Gatt General Manager fil-Bank of Valletta pprezenta affidavit fejn spjega l-procedura tal-promozzjonijiet fil-Bank. Hu spjega li meta jkun hemm il-vakanzi jitwaqqaf promotion board li jkun inkarigat mill-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem, u li wara jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank. Qal li normalment il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja tal-Bank imma ma tezisti l-ebda regola dwar dan. Spjega li l-bord irid jezamina kull kandidat skond il-

kriterji fil-ftehim kollettiv li huma “aptitude, experience, merit, qualifications u seniority”. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata wieghting aktar gholi f’ ezercizzju ta’ promozzjonijiet ghal gradi t’isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F’kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal Files ta’ kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jista’ jkollu fuq il-kandidat. Dwar qualifications u seniority ikunu diga gew miftiehma qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m’hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m’huwiex marbut il-Bank jista’ jiddeciedi li f’xi ezercizzji partikolari ta’ promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview. Generalment dawn ikunu f’kazi ta’ promozzjonijiet ghall-gradi t’isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta’ promozzjonijiet ghall-gradi ghojin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista’ jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta’ kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll l-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta’ lill-kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tesizti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti. Is-sistema prezenti ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kienetx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti. Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u imbaghad wara jsiru l-Interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 u 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin 'l hawn, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista' jitlob li jiltaqa' ma' ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju. Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista' jaghraf f'liema kriterju jew kriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex ittejjeb il-performance tieghu u b'hekk ittejjeb konsiderevolment ic-cansijiet tieghu ghal esercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista' jaghmel il-bench marking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

**KONLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk ir-rikorrent jilmenta minn tliet aspetti u cioe` nuqqas ta' promozzjoni fl-1993, nuqqas ta' promozzjoni fl-1997 u nuqqas ta' implimentazzjoni tac-Cirkolari 35/93. Dwar il-promozzjoni tal-1997 jinghad li l-Kap. 394 fl-Artikolu 5 (4) jghid: "Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 jew wara l-15 ta' Mejju 1995." Dan jaghmilha cara li dak li gara wara l-15 ta' Mejju 1995 jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis*** u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' dan l-aspett tal-ilment.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll fuq in-nuqqas ta' implimentazzjoni tac-cirkolari 35/93. Hu jsostni li kellu jinghata promozzjoni minhabba li hu gradwat minhabba l-imsemmija cirkolari. Meta wiehed jara l-imsmemija cirkolari din tibda biex tghid: "in accordance with the conditions for employment, staff in the bank' s employment with at least five years service and who are in a grade of below that of Manager 2 are entitled to promotion when they graduate from university and acquire the degree recognised by the bank…" L-interpretazzjoni korretta ta' din ic-cirkolari hi li min jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija u jiggradwa (ovvjament wara d-data tac-cirkolari u cioe` 14 ta' Lulju 1993) ikun intitolat ghall-promozzjoni. Il-kaz tar-rikorrent huwa differenti ghax hu kien diga` gradwat u bbenefika mill-fatt li hu gradwat precedentement billi kien imqieghed f' pozizzjonijiet aktar oghlja. Ghal dawn il-motivi dwar dan l-aspett tal-ilment ukoll jilqa' l-eccezzjonijiet tal-bank.

Jifdal ghalhekk lit-Tribunal li jinvestiga t-tielet aspett tal-ilment u cioe` n-nuqqas ta' promozzjoni tal-1993. Hawnhekk irrizulta li r-rikorrent gie maqbuz minn kwantita` ta' nies li kellhom seniority anqas minnu. Dwar seniority t-Tribunal gja kellu l-okkazjoni jesprimi ruhu u infatti fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta" deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal "Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew

kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ta min izid li r-rikorrent kien aktar kwalifikat minn persuni ohra li qabzuh oltre li kellu seniority aktar minnhom. Dan ifisser li r-rikorrent seta' jinqabez biss b' mod validu minhabba ragunijiet ohra bhal aptitude, personality, suitability u merit. Meta persuna tinqabez fil-promozzjoni meta tkun kwalifikata aktar u jkollha seniority aktar, inutli li jinghataw hafna ismijiet ta' kwalifiki fejn wiehed jalloka l-marki li jrid. Kien ikun plawzibbli li r-rikorrent ma jinghatax il-promozzjoni li kieku xi wiehed mis-superjuri tar-rikorrent fil-bank ta ragunijiet validi ghaliex ir-rikorrent ma kienx haqqu tali promozzjoni izda hadd ma gie prodott mill-bank u ta xi indikazzjoni ghaliex ir-rikorrent ma kellux jinghata l-hatra. Ma giet identifikata ebda problema dwar ir-rikorrent, ma gie prezentat ebda appraisal report negattiv dwar ir-rikorrent. Anqas ma ssemma xi incident tar-rikorrent fil-bank ma' xi klijenti, superjuri jew kollegi. Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx li gustament ir-rikorrent kellu jinqabez meta kellu seniority aktar u kwalifiki aktar minn nies ohra li lehqu. Anzi jinghad li r-rikorrent gie deskritt bhala bniedem ta' hidma serja u kapacita`.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-bank dwar dan l-aspett u jilqa' t-talba tar-rikorrent dwar l-aspett tal-promozzjoni tal-1993 u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kumpensattiv billi jinghata l-kariga ta' Manager II b' effett mid-data li fiha nghataw l-applikanti l-ohra in segwitu tal-call for applications tal-1993 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dakinhar kif ukoll jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

---------------------------------TMIEM---------------------------------